MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2012

Numru. 367/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR JASON FRANCIS SULTANA**
**VS**
**STEPHEN FRANCIS GALLI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Stephen Francis Galli ta' 48 sena, bin John (Servillo) u Carmen nee' Ellul, mwieled Washington fit- 22 ta' Awwissu 1964, residenti 17, Milano Triq San Girgor, Sliema detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 191009(L);

Talli nhar il- 31 ta' Marzu 2012 ghal- habta tal- 16.15hrs gewwa Triq Rudolfu Sliema;

1) Ikkommetta serq ta’ Mobile Iphone 4S ta’ ammont li jeccedi l- valur ta’ €232.94 liema serq huwa aggravat bil- Valur, bix- Xorta tal- Haga Misruqa ghad-detriment ta’ Roberto Carlos Calleja detentur tal- Karta tal-Identita’ bin- numru 457087M bhala sid il- vettura bin-numru ta’ registrazzjoni KEL 007;

2) Aktar talli bil- hsieb li jaghmel delitt ta’ serq, wera dan il- hsieb b’ atti esterni u ta bidu ghall- esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill- volonta tieghu, liema serq kieku sar kien ikun ikkwalifikat bil- Valur u kif ukoll bix-Xorta tal- Haga Misruqa;

3) Aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarajament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal anqas minn €116.47, ghad- detriment ta’ Roberto Carlos Calleja detentur tal- Karta tal- Identita’ bin-numru 457087M bhala sid il- vettura bin- numru ta’ registrazzjoni KEL 007;

4) Talli rrenda ruhu recidiv b’ diversi sentenzi moghtija lilu mill- Qorti tal- Magistrati Malta liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

5) Aktar talli naqas milli jhares xi wahda u/jew aktar minn wahda mill- kundizzjonijiet imposti fuqu mill- Qorti tal- Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D b’ digriet datat 18 ta’ Novembru 2011 u li permezz tieghu huwa kien inghata l- helsien mill-arrest that diversi kundizzjonijiet, fosthom li jidher ghal kull att tal- process kif ordnat, li ma jikkommettix delitt eihor ta’ natura volontarja li jiffirma fl- ghassa tal- Pulizija ta’ Tas-Sliema, l- eqreb ghassa ta’ fejn kien jirrisjedi dak iz-zmien, u li jirrinkaza ruhu bejn il- 11.00pm u s- 7.00am;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat illi l-Prosekuzzjoni irtirat il-hames imputazzjoni, u ghalhekk il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha;

Rat illi, mill-fedina penali esebita fl-atti, ir-recidiva m'hix applikabbli ghal dan il-kaz, u ghalhekk ukoll il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha wkoll;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju ta' gbir ta' provi tal-Prosekuzzjoni f'din il-kawza, wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni dwar il-konsekwenzi tal-istess ammissjoni tieghu;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

Wara li rat l-Artikoli 261(c)(g), 267, 271(g), 41(a), 251B(1), 49, 50, 289 u 579(3) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah disa' (9) xhur prigunerija sospizi ghal tlitt (3) snin, taht supervizjoni ta' Ufficjal tal-Probation, ai terminu tal- Artikolu 28G tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------